31997D0751

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Ottubru 1997

dwar ir-regolament tekniku komuni għall-ħtiġiet ta' konnesjoni għall-*interface* ta' tagħmir terminali għal konnessjoni ma' linji mikrija diġitali mhux strutturati u strutturati ta' 140 Mbit/s

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(97/751/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/263/KEE tad-29 ta' April, 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [1], kif emendat bid-Direttiva 93/68/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 6(2), it-tieni inċiż, ta' dan,

Billi l-Kummissjoni identifikat it-tip ta' tagħmir terminali li għalih hemm bżonn regolament tekniku komuni, kif ukoll stqarrija ta' l-qasam ta' applikazzjoni assoċjata miegħu;

Billi għandhom ikunu adottati l-istandards armonizzati korrispondenti, jew partijiet minnhom, li jimplimentaw il-ħtiġiet essenzjali li għandhom jitbiddlu f'regolamenti tekniċi komuni;

Billi r-regolament tekniku komuni li hemm provdut għalih f'din id-Deċiżjoni huwa bi qbil ma' l-opinjoni ta' l-ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-ħtiġiet għal tagħmir terminali li hu maħsub li jiġi konness mal-linji mikrija diġitali ONP 139 246 kbit/s mhux strutturati (D140U) tal-punt terminali tan-*network* pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet jew ma' linji mikrija diġitali ONP 139 264 kbit/s strutturati (D140S) b'rata ta' trasferiment ta' informazzjoni ta' 138 240 kbit/s mingħajr restrizzjoni fuq kontenut binarju u li jaqgħu fi ħdan il-qasam ta' applikazzjoni tal-istandard armonizzat identifikata fl-Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regolament tekniku komuni li jkopri l-ħtiġiet ta' konnessjoni għal tagħmir terminali.

Artikolu 2

1. Ir-regolament tekniku komuni għandu jinkludi tal-istandard armonizzat mħejji mill-korp relevanti ta' standardizzazzjoni li jimplimenta sal-punt safejn ikunu applikabbli l-ħtiġiet essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 4(d) u (f) tad-Direttiva 91/263/KEE. Ir-riferenza għall-istandard hija mniżżla fl-Anness.

2. Tagħmir terminali kopert b'din id-Deċiżjoni għandu josserva r-regolament tekniku komuni li għalih jirreferi l-paragrafu 1, għandu jimxi mal-ħtiġiet essenzjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 4(a) u (b) tad-Direttiva 91/263/KEE, u għandu jimxi mal-ħtiġiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarment id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE [3] u 89/336/KEE [4].

[1] ĠU L 128, tat-23.5.1991, p. 1.
[2] ĠU L 220, tal-31.8.1993, p. 1.
[3] ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29.
[4] ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

Artikolu 3

Il-korpi notifikati nominati biex iwettqu l-proċeduri li għalihom jirreferi l-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/263/KEE għandhom, rigward tagħmir terminali kopert mill-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw l-użu tal-istandard armonizzat li għalih jirreferi fl-Artikolu 2(1) fi żmien sena wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzara lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Ottubru 1997.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Riferenza għall-istandard armonizzat applikabbli

L-istandard armonizzat li għaliha jirreferi l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tkun:

TeleKommunikazzjonijiet tal-Kummerċ (BTC)

140 Mbit/s linji mikrija digital mhux strutturati u strutturati (D140U and D140S)

Ħtiġiet għall-interface ta' taġhmir terminali

ETSI

Istitut Ewropew għall-Istandards fit-Telekomunikazzjonijiet

Segretarjat ta' ETSI

TBR 25 - Lulju 1997

(minbarra d-daħla)

Informazzjoni addizzjonali

L-Istitut Ewropew għall-Istandards fit-Telekomunikazzjonijiet huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE [1].

L-istandard armonizzat li għalih jirreferi hawn fuq kien prodott skond mandat maħruġ skond il-proċeduri relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE.

It-test sħiħ tal-istandard armonizzat li għaliha jirreferi hawn fuq jista' jinkiseb mingħand:

L-Istitut Ewropew għall-Istandards fit-Telekomunikazzjonijiet
650 Route des Lucioles
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

Il-Kummisjoni tal-Komunitajiet Ewropej,
DG XIII/A/2 - (BU 31 1/7),
Rue de la Loi/Wetstraat 200,
B-1049 Brussel

[1] ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8.